**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 03 ta' Dicembru, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 455/2019 AF**

**HSBC Bank Malta plc (C-3177)**

**vs**

**Lawrence Bartolo**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' HSBC Bank Malta plc li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

L-intimat hu debitur tas-socjetà attrici fl-ammont ta' Euro 37,482.68 (sebgha u tletin elf erba' mija u tnejn u tmenin Ewro u tmienja u sittin centezmu) liema ammont huwa dovut mill-intimat in kwantu ghal Euro 31,166.10 rapprezentanti kapital wara self u Euro 6,316.58 imghax sas-6 ta' Mejju 2019, b'rizerva ghal dawk l-imghaxijiet ulterjuri dovuti mis-7 ta' Mejju 2019 sal-effettiv pagament.

Dan l-ammont huwa dovut skond kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Vanessa Pool datat 25 ta' Mejju 2006, permezz ta' liema l-intimat Lawrence Bartolo ottjena self minghand is-socjetà rikorrenti sabiex jakkwista proprjetà.

Il-konvenut naqas milli jaghmel il-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-*sanction letter* tal-10 ta' April 2006 abbazi ta' liema inghatat l-facilità bankarja.

Ghalkemm interpellat sabiex ihallas l-ammont dovut, ukoll permezz ta' ittri ufficcjali numru 9/2012 u 2797/18, l-intimat baqa' ma hallasx.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tas-socjetà attrici fl-ammont ta' Euro 37,482.68 (sebgha u tletin elf erba' mija u tnejn u tmenin Ewro u tmienja u sittin centezmu) liema ammont huwa dovut mill-intimat in kwantu ghal Euro 31,166.10 (wiehed u tletin elf mija u sitta u sittin Ewro u ghaxar centemzu) rapprezentanti kapital wara self u Euro 6,316.58 (sitt elef tlett mija u sittax-il Ewro u tmienja u hamsin centemzu) imghax sas-6 ta' Mejju 2019 bl-imghaxijiet ulterjuri legali dovuti mis-7 ta' Mejju 2019 sal-effettiv pagament u dan a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjetà attrici l-ammont ta' Euro 37,482.68 (sebgha u tletin elf erba' mija u tnejn u tmenin Ewro u tmienja u sittin centezmu) liema ammont huwa dovut mill-intimat in kwantu ghal Euro 31,166.10 (wiehed u tletin elf mija u sitta u sittin Ewro u ghaxar centemzu) rapprezentanti kapital wara self u Euro 6,316.58 (sitt elef tlett mija u sittax-il Ewro u tmienja u hamsin centemzu) imghax sas-6 ta' Mejju 2019 bl-imghaxijiet ulterjuri legali dovuti mis-7 ta' Mejju 2019 fuq l-ammont ta' Euro 37,482.68 (sebgha u tletin elf erba' mija u tnejn u tmenin Ewro u tmienja u sittin centezmu) sal-effettiv pagament liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficcjali numru 9/2012 u 2797/18 u dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni. Bl-imghax ulterjuri skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li gie debitament notifikat, Lawrence Bartolo baqa' ma wiegibx ghall-kawza. Lanqas ma ressaq sottomissjonijiet finali kif awtorizzat jaghmel fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2019.

Rat l-affidavit prezentat.

Doveruz ghall-Qorti tenfasizza f'dawn ic-cirkostanzi l-insenjament kostanti ta' dawn il-Qrati illi l-kontumacja m'ghandha qatt tigi meqjusa bhala ammissjoni tat-talba u jibqa' dejjem jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprova l-allegat sal-grad rikjest.

Ikkunsidrat illi l-bank rikorrenti ssodisfa l-oneru fuqu mpost mill-ligi u bix-xhieda u dokumenti mressqa ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti, huwa pprova li t-talba tieghu hija misthoqqa u ghandha tintlaqa'.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta, tilqa' t-tieni talba kif dedotta, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Lawrence Bartolo.

IMHALLEF

DEP/REG